TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 73/19/F

**Leon Lee Zammit**

**vs**

**No Deposit Cars Malta Ltd**

Illum, 2 ta' Ottubru, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar id-28 ta' Ġunju 2019 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra r-Risposta ippreżentata mill-azjenda intimata fid-19 ta' Lulju 2019;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-Talba tiegħu, ir-Rikorrent qed jitlob li jiġi rifuż is-somma ta' erba mitt Euro (€400.00) mill-azjenda intimata rappreżentanti somma li huwa kien ħallasha sabiex iġġib polza tal-assikurazzjoni favur tiegħu fuq vettura tat-tip BMW 318i li huwa xtaq jixtri mingħandha.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tagħha l-azjenda intimata issostni li hija intitolata żżomm dan il-ħlas minħabba li kien imħallas bħala kapparra fuq il-karozza u ma għandu xejn x'jaqsam ma jekk ir-Rikorrent ġiex assikurat jew le fuq dik il-karozza.

Illi Alfred Zammit, in-nannu tar-Rikorrent xehed illi n-neputi tiegħu kien mar biex jixtri vettura tal-marka BMW u ftiehem li jħallas erba mitt Euro (€400) "*għall-insurance*" għax kienu ser jirranġaw kollox dwar l-assikurazzjoni minn naħa tal-azjenda intimata. Eventwalment, irriżulta li ħadd ma kien ser joħroġ polza ta' assikurazzjoni favur ir-Rikorrent fuq dik il-karozza partikolari u għalhekk, ix-xhud kien talab għall-erba mitt Euro (€400) lura iżda wieħed jismu "Luke" ma riedx jagħtihomlu lura. In kontro-eżami ikkonferma li kien hu li ħareġ iċ-ċekk fl-ammont ta' erba mitt Euro (€400) u li huwa ma kienx preżenti meta ġie mgħoddi dan il-pagament lill-azjenda intimata.

Illi minn naħa tiegħu, meta xehed, ir-Rikorrent spjega li huwa kien ħallas l-ammont ta' erba mitt Euro (€400) bl-intiża li l-azjenda intimata tirranġalu għall-assikurazzjoni fuq il-vettura BMW 318i li kien imħajjar jixtri u ma kienx maħsub bħala depożitu fuq il-karozza. Ikkonferma ukoll li polza tal-assikurazzjoni baqgħet ma nħarġitx u għalhekk, huwa ma setax jixtri din il-karozza.

Illi Luke Milton għall-azjenda intimata tista' tgħid ikkonferma l-fatt li kien hemm tentattivi mingħajr suċċess minn naħa tal-azjenda intimata sabiex tinkiseb kopertura ta' assikurazzjoni għar-Rikorrent iżda jsostni li l-erba mitt Euro (€400) ġew imħallsa bħala kapparra sabiex tinżamm il-karozza u rrefera għall-kundizzjonijiet li hemm stampati fuq l-irċevuta li ġiet mogħtija lir-Rikorrent.

Illi t-Tribunal eżamina bir-reqqa id-*Deposit Receipt* ippreżentata kemm mir-Rikorrent kif ukoll minn Luke Milton f'isem l-azjenda intimata. Dan id-dokument jindika li s-somma ta' erba mitt Euro (€400) ġiet miġbura bħala "*deposit*" u l-istess dokument jgħid li "*none of the above payments are refundable if the car is not collected within 1 weej of notification of registration of the vehicle*".

Illi minn banda r-Rikorrent mhuwiex korrett fl-asserzjoni tiegħu li s-somma ta' erba mitt Euro (€400) ġiet mgħoddija lill-azjenda intimata solament biex tiġi

prokurata polza tal-assikurazzjoni. L-irċevuta ppreżentata bi prova miż-żewġ partijiet kjarament tispjega li dan kien depożitu jew aħjar kapparra fuq il-karozza. Il-kliem huwa sempliċi u ċar allura ftit hemm lok ta' argumenti fuq dan il-punt.

Illi mill-banda l-oħra, lanqas ma hija korretta l-azjenda intimata fl-insistenza tagħha li żżomm l-ammont ta' erba mitt Euro (€400) minkejja li l-bejgħ tal-karozza ma mmaterjalizzax. Dan għaliex l-iskrittura fuq l-irċevuta redatta minnha stess tgħid li "*none of the above payments are refundable if the car is not collected within 1 week of notification of registration of the vehicle*". Issa f'dawn il-proċeduri, l-azjenda intimata la ġabet prova li l-vettura in kwistjoni kienet ġiet reġistrata fuq ir-Rikorrent u wisq anqas li kienet ħadet passi biex tinnotifikah b'dan il-fatt. Fil-verità, dan qatt ma seta' jseħħ ladarba polza tal-assikurazzjoni baqgħet ma ħarġitx.

Illi għalhekk, filwaqt li fil-fehma tat-Tribunal huwa ben ċar li s-somma ta' erba mitt Euro (€400) ġiet imħallsa mir-Rikorrent lill-azjenda intimata bħala depożitu, bil-mod kif żvolġew l-affarijiet lanqas ma kellha dritt l-azjenda intimata li żżomm din is-somma. Isegwi li għandha tirrifondiha lir-Rikorrent.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jordna lill-azjenda intimata tirrifondi lir-Rikorrent is-somma ta' erba mitt Euro (€400).**

**Fiċ-ċirkostanzi, kull parti ġġorr l-ispejjeż tagħha.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***